# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)**

**Illum 14 t'April 2025**

**Rikors ġuramentat numru 839/2024AB fl-ismijiet:**

**Aġenzija Endevio Limited (C61288)**
**vs.**
**Convera Malta Financial Limited (C22339)**

**Il-Qorti,**

1. Rat ir-rikors ġuramentat tas-soċjeta attriċi fejn, inter alia, ippremettiet li kellha s-somma ta' erba' mija, erba' u tletin elf, sitt mija u sbatax-il dollaru Amerikan (US$434,617) depożitati mas-soċjeta konvenuta, iżda li minkejja li s-soċjetà konvenuta ġiet debitament mitluba u interpellata sabiex tirrilaxxahom, is-soċjetà konvenuta baqgħet tirrifjuta li tagħmel dan, bir-raġuni mogħtija kienet minħabba li persuna li preċedentement kienet involuta fl-istruttura tas-soċjeta attriċi, kienet ukoll milquta minn sanzjonijiet maħruġa mill-Office of Foreign Assets Control tal-Istat Amerikan. Biss dawn is-sanzjonijiet ma kienux inforzabbli f'Malta u l-anqas fl-Unjoni Ewropea biex b'hekk ma kienet teżisti ebda bażi legali u leġittima għaliex is-soċjeta attriċi setgħet tiġi mċaħħda minn ħwejjiġha u mid-drittijiet tagħha. Dan ukoll għax ma kienet teżisti ebda ordni ta' iffriżar ta' assi jew xort'oħra maħruġa minn xi awtorità kompetenti f'Malta jew fl-Unjoni Ewropea. Dan in-nuqqas tas-soċjeta konvenuta kien jirrendiha passibbli wkoll għall-ħlas tal-imgħax bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) fis-sena mid-data tal-preżentata tal-kawża sad-data tal-pagament effettiv. Għalhekk is-soċjeta attriċi talbet lil Qorti sabiex:

(i) Tiddikjara li s-soċjeta konvenuta ma kellha ebda dritt legali li b'mod unilaterali tiċħad li tirrilaxxa l-flejjes tas-soċjeta attriċi favur l-istess soċjetà attriċi;

(ii) Konsegwentement tiddikjara li s-soċjeta konvenuta kellha tirrilaxxa l-flejjes kollha tas-soċjeta attriċi fl-intier tagħhom, flimkien mal-imgħax legali; u

(iii) Tordna lis-soċjeta konvenut tirrilaxxa a favur tas-soċjeta attriċi l-flejjes tas-soċjeta attriċi a favur tagħha fl-intier tagħhom, flimkien mal-imgħaxijiet legali skont il-Liġi immedjatament fi żmien li jiġi prefiss minn din il-Qorti;

Bl-ispejjeż inkluż dawk tal-mandati kawtelatorji preżentati kontestwalment ma dar-rikors ġuramentat u bl-imgħax legali dekorribbli mid-data tal-preżentata tal-kawża kontra tas-soċjeta konvenuta li baqgħet inġunta in subizzjoni u b'riżerva t'azzjoni ulterjuri għall-likwidazzjoni u ħlas ta' danni spettanti lis-soċjeta attriċi.

2. Rat li din il-kawża ġiet appuntata għas-smiegħ għas-seduta tat-3 t'April 2025 tissejjaħ fid-0900;

3. Rat li b'nota tas-17 ta' Jannar 2025 l-Avukat Keith Borg iddikjara li kien qiegħed jirrinunzja għall-patroċinju tas-soċjeta attriċi;

4. Rat li matul is-seduta tat-3 t'April 2025 dehret Dr. Kirstin Abela Caruana li ddikjarat li kienet qegħda tassumi l-patroċinju tas-soċjeta attriċi u l-kawża ġiet differita għas-seduta tal-10 t'April 2025 tissejjaħ mill-10 l-quddiem;

5. Rat li matul is-seduta tal-10 t'April 2025 l-Avukat Kirstin Abela Caruana ippreżentat nota tas-soċjeta attriċi kontenenti prospett tal-ammonti dovuti mis-soċjeta konvenuta lis-soċjeta attriċi, liema prospett ġie markat bħala dokument "AEL";

6. Rat ukoll li f'dan il-prospett, l-ammont pretiż mis-soċjeta attriċi f'Dollari Amerikani skont kif mitlub fir-rikors promotur ġie espress ukoll fil-valuta EURO skont ir-rata tal-kambju ta' 0.9355 meħuda skont il-medja stabbilita f'Marzu 2023 ossija ż-żmien meta l-ammont kien miżmum mis-soċjeta konvenuta. Dan allura ġie espress fl-ammont ta' erba' mija u sitt elef, ħames mija erbgħa u tmenin Euro u għoxrin ċenteżmu (€406,584.20) (iżjed l-isfel imsejjah "l-ammont prinċipali dovut").

7. L-istess prospett inkluda fih l-interessi bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) fis-sena mid-data tar-rikors promotur sal-10 t'April 2025 fl-ammont ta' tnejn u għoxrin elf, sitt mija ħamsa u tletin Euro u erba' ċenteżmi (€22,635.04) (iżjed l-isfel magħruf bħala "l-imgħax legali"),

kif ukoll l-ispejjeż legali inkluż taxxa fuq il-valur miżjud fl-ammont ta' tnax il-elf, seba' mija tnejn u sebgħin Euro u disa' u sittin ċenteżmu (€12,772.69) (iżjed l-isfel magħrufa bħala "l-ispejjeż legali").

8. In segwitu għal dan, is-soċjeta konvenuta, debitament rappreżentata mill-Avukat Dr. Chiara Frendo iddikjarat li kienet qegħda tammetti t-talba tas-soċjeta attriċi skont l-ammonti, rati u modalitajiet kif indikati fil-prospett markat dokument "AEL".

9. Fid-dawl ta' din l-ammissjoni inkondizzjonata, il-partijiet qablu li l-ispejjeż ta' din il-kawża jibqgħu bla taxxa.

10. Il-Qorti wara li aċċertat ruħha ma Dr. Chiara Frendo dwar l-ammissjoni reġistrata għan-nom tas-soċjeta konvenuta skont it-termini tal-prospett preżentat u markat dokument AEL, u wara li ħadet nota li din l-ammissjoni kienet waħda definittiva u konfermata, tqis li t-talbiet tas-soċjeta attriċi ġew soddisfaċentement ippruvati, huma mistħoqqa u għandhom jiġu milqugħa.

# DECIDE

**Għaldaqstant il-Qorti tiddeċiedi li tilqa' t-talbiet attriċi kif dedotti biex b'hekk:**

1. **Tiddikjara li s-soċjeta konvenuta ma kellha ebda dritt legali li b'mod unilaterali tiċħad li tirrilaxxa l-flejjes tas-soċjeta attriċi favur l-istess soċjetà attriċi fl-ammont ta' erba' mija, erba' u tletin elf, sitt mija u sbatax-il dollaru Amerikan (US$434,617) li bi qbil bejn il-partijiet dwar ir-rata tal-kambju applikabbli f'dan il-każ[1] jiġu ekwivalenti għal erba' mija u sitt elef, ħames mija erbgħa u tmenin Euro u għoxrin ċenteżmu (€406,584.20);**

2. **Tiddikjara li s-soċjeta konvenuta kellha tirrilaxxa l-imsemmija ammont ta' erba' mija erba' u tletin elf, sitt mija u sbatax-il dollaru Amerikan (US$434,617) li bi qbil bejn il-partijiet dwar ir-rata tal-kambju applikabbli f'dan il-każ jiġu ekwivalenti għal erba' mija u sitt elef, ħames mija erbgħa u tmenin Euro u għoxrin ċenteżmu (€406,584.20), <u>flimkien</u> mal-imgħax legali fl-**

[1] Stabbilita fir-rata tal-kambju ta' 0.9355 meħuda skont il-medja stabbilita f'Marzu 2023 ossija ż-żmien meta l-ammont kien miżmum mis-soċjeta konvenuta.

**ammont maqbul ta' tnejn u għoxrin elf, sitt mija ħamsa u tletin Euro u erba' ċenteżmi (€22,635.04);[2] u konsegwentement**

3. **Tikkundanna lis-soċjeta konvenuta, u għalhekk tordnalha, li tirrilaxxa minnufih lis-soċjeta attriċi:**

   (a) **l-ammont ta' erba' mija erba' u tletin elf, sitt mija u sbatax-il dollaru Amerikan (US$434,617) li bi qbil bejn il-partijiet dwar ir-rata tal-kambju applikabbli f'dan il-każ jiġu ekwivalenti għal erba' mija u sitt elef, ħames mija erbgħa u tmenin Euro u għoxrin ċenteżmu (€406,584.20); <u>flimkien</u>**
   (b) **mal-imgħax legali fl-ammont maqbul ta' tnejn u għoxrin elf, sitt mija ħamsa u tletin Euro u erba' ċenteżmi (€22,635.04); <u>kif ukoll flimkien</u>**
   (c) **mal-ispejjeż legali (li jinkludu t-taxxa fuq il-valur miżjud) maqbula bejn il-partijiet fl-ammont ta' tnax il-elf, sebgħa mija tnejn u sebgħin Euro disa' u sittin ċenteżmu (€12,772.69).**

**Bl-imgħax ulterjuri skont il-Liġi fuq l-ammont prinċipali dovut mid-data ta' din is-sentenza sal-ġurnata tal-pagament effettiv.**

**Bl-ispejjeż jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Ft/Aaron M. Bugeja,**
**Imħallef**

**Christianne Borg**
**Deputat Reġistratur**

---

[2] Li l-partijiet ukoll qablu li dawn għandhom ikunu dekorribbli fuq l-ammont prinċipali dovut bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) mid-data tar-rikors promotur sal-10 t'April 2025.